

mingħand produktur ieħor, ma tinkludix il-kwantità li firrigward tagħha, matul il-perijodu ta' tmax-il xahar inkwistjoni, il-ħalib ġie kkunsinnat mill-produktur l-ihor qabel it-trasferiment tal-azjenda agrikola?

- 2) Id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju jew prinċipji ġenerali li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali mal-provvisti ta' kwantitatiet eċċessivi msemmija fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 fis-sitwazzjoni inkwistjoni fl-ewwel domanda, tawtorizza lill-prodottur, li jkun akkwista l-azjenda agrikola matul il-perijodu ta' tmax-il xahar, jinkludi l-parti tal-kwantità ta' referenza li digħi għiet ikkunsinnata mill-prodottur l-ihor sabiex jipparteċipa fl-allokazzjoni tal-parti mhux użata?

(¹) ĠU L 2003 L 270, p. 123.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstakās tiesas Senāts (Ir-Repubblika tal-Latvja) fil-25 ta' Ġunju 2009 — Dita Danosa vs SIA LKB Līzings

(Kawża C-232/09)

(2009/C 220/37)

Lingwa tal-kawża: Il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstakās tiesas Senāts (Ir-Repubblika tal-Latvja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Dita Danosa

Konvenuta: SIA LKB Līzings

Domandi preliminari

- 1) Membru ta' bord li jmexxi kumpannija ta' kapital għandu jitqies bħala ħaddiem skont id-dritt Komunitarju?
- 2) Il-fatt li l-Artikolu 224(4) tal-Kodiċi tal-Kummerċ Latvjan jippermetti t-tnejħiha ta' membru tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija ta' kapital mingħajr ebda restrizzjoni, u b'mod partikolari mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni t-tqala ta' tali membru, huwa inkompatibbli mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85/KEE (¹) u mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titħbi fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), ĠU L-348, p. 1

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van beroep te Antwerpen (il-Belġju) fis-26 ta' Ġunju 2009 — G.A. Dijkman u M.A. Dijkman-Lavaleije vs Belgische Staat

(Kawża C-233/09)

(2009/C 220/38)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hof van beroep te Antwerpen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Gerhard Dijkman u Maria Dijkman-Lavaleije

Konvenut: Belgische Staat

Domanda preliminari

Il-fatt li residenti Belġani li jwettqu investimenti jew jiddepożitaw flus barra mill-pajjiż, pereżempju fl-Olanda, sabiex jevitaw li jħallsu t-taxxa muniċipali addizzjonalni prevista bl-Artikolu 465 WIB92, jiġu obbligati jużaw is-servizzi ta' intermedjarju Belġjan sabiex jiksbu l-ħlas tad-dħul minn proprietà mobbli filwaqt li r-residenti li jwettqu investimenti jew jiddepożitaw flus fil-Belġju dejjem jistgħu jibbenifikaw mis-sistema ta' ħlas minn ras il-għajnej fuq proprietà mobbli liberatorju stabbilita bl-Artikolu 313 WIB 92 u b'dan il-mod li jistgħu jevitaw it-taxxa muniċipali addizzjonalni prevista bl-Artikolu 465 WIB92 minħabba li l-ħlas bil-quddiem fuq proprietà mobbili diġa sejjh fras il-għajnejn, jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 56(1) KE?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Belġju) fl-1 ta' Lulju 2009 — L-Istat tal-Belġju vs Nathalie de Fruytier

(Kawża C-237/09)

(2009/C 220/39)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: L-Istat tal-Belġju

Konvenuta: Nathalie de Fruytier